# 1866 - Is-sena ta' tliet Preposti f'Birkirkara

**Winston Lawrence Zammit** *B.A. (Hons.), PGCE, M.A.*

Is-sena 1866 hija sena importanti fl-istorja tal-Parroċċa Elenjana, għax f'dik is-sena, wara xogħol li kien ilu għaddej sitt snin (1860-1866) bit-tħabrik tal-Prokuratur, il-Kanonku Dun Ġużepp Mifsud, tlesta x-xogħol kollu fuq l-istruttura tal-knisja. Iżda fl-istess sena, kif se naraw, il-Parroċċa Elenjana kellha tliet Preposti Arċiprieti. Fil-bidu tas-sena 1866 ir-ragħaj spiritwali kien il-Kan. Prepostu Dun Kalċ Agius li kien ħa l-pussess fil-21 ta' Diċembru 1853.[1]

Il-Prepostu Dun Kalċ kien tassew ir-ragħaj ta' merħla kbira. 150 sena ilu l-limiti tal-Parroċċa Elenjana kienu ferm akbar minn dawk ta' llum, għax minbarra t-territorju ta' Birkirkara proprja, fil-limiti tal-Parroċċa kien hemm ukoll it-territorju fejn illum hemm il-Parroċċi ta' Fleur-de-Lys, Santa Venera, parti mill-Ħamrun, Tal-Pietà, l-Imsida, Ta' Xbiex, il-Gżira, Tas-Sliema, San Ġiljan, Pembroke, Tal-Ibraġ u San Ġwann. Territorju tassew kbir. Skont l-i*Status Animarum* tal-1858, f'dan it-territorju kollu kien hemm joqogħdu madwar 6,239 ruħ.[2] Sa tliet snin wara (1861) skont l-istess *Status Animarum*, il-popolazzjoni fit-territorju kollu kienet ta' madwar 9,000.[3]

Il-parti l-kbira tan-nies kienu joqogħdu f'Birkirkara propja, fejn il-Prepostu Agius kellu l-għajnuna ta' żewġ Viċi-Parroki. Iżda minbarra ż-żewġ Viċi-Parroki f'Birkirkara, kien hemm bżonn ukoll Viċi-Parroku residenti fl-Imsida, Viċendarju f'Tas-Sliema u Viċi-Parroku f'San Ġiljan.[4]

## Vigarju Kurat

Wara parrokat ta' aktar minn tnax-il sena, f'Marzu 1866, il-Prepostu Agius qagħad għall-konkors (eżami) ta' Kanonku Penitenzier tal-Katidral, ġie magħżul u ħa l-pussess fit-8 t'April 1855.[5]

Billi l-Prepositura kienet issa vakanti, wieħed mill-Viċi-Parroki, il-Kan. Giov. Battista Borg, ġie maħtur bħala Vigarju-Kurat u lilu ġiet fdata t-tmexxija tal-Parroċċa Elenjana sakemm jinħatar il-Prepostu l-ġdid. Fil-fatt il-Kan. Borg għammed għall-ewwel darba bħala Vigarju-Kurat fit-8 t'April 1866.[6] Iżda minbarra li nħatar Vigarju-Kurat, il-Kan. Borg inħatar ukoll mill-Kurja biex jamministra d-dħul tal-Prepositura sakemm iddum vakanti.[7]

---

1 *L'Ordine* 30-XII-1853

2 A(rkivju) K(urja A(rċiveskovili), Viżta Pastorali Pace Forno 1858 f. 140v.

3 Ibid., Ottubru 1861 f. 119v.

4 Ibid., *Recenti Collazioni dei Canonicati di Birchircara* 1859-1906 f. 43r.

5 *L'Ordine* 16-III-1866, 13-IV-1866.

6 A(rkivju) P(arrokkjali) B(irkirkara), *Liber Baptizmatorum XIV (Frar 1860 - Mejju 1869).*

7 A(rkivju) N(azzjonali) M(alta), CSG (04), *Letter to Rev. Canon V. Galea DD*, Nru 3454, 23-IV-1866.

## L-Ewwel Konkors

Fis-26 t'April 1866, fil-Palazz tal-Isqof, sar il-konkors biex jinħatar il-Prepostu l-ġdid. Il-konkorrenti kienu tlieta: Dun Goffredo Xerri, Kanonku Kantur tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, Dun Ġużepp Xerri minn Birkirkara, li kellu l-kariga ta' Viċi-Parroku f'San Ġiljan, kariga li kien ilu jokkupa mill-1849 u Dun Ġwann Bugeja DD minn Birkirkara, Ċerimonier tal-Kapitlu sa mill-1864. Kien applika wkoll, mhux biex jingħażel iżda kellu l-merti, Dun Ġwann Ebejer minn Ħal Balzan.

Minn fost it-tliet konkorrenti ngħażel iż-żagħżugħ saċerdot Dun Ġwann Buġeja minn Birkirkara.[8] Il-Prepostu l-ġdid kien twieled f'Birkirkara fil-31 ta' Awwissu 1838[9] u ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1861.[10] Iżda Dun Ġwann m'aċċettax din il-kariga u rriżenja fis-7 ta' Mejju 1866.[11] Wara r-riżenja tal-Prepostu-elett Bugeja, il-Kan. Dun Ġwann Battista Borg baqa' jmexxi l-Parroċċa bħala Vigarju-Kurat.[12]

## Festa Titulari 1866

Waslet il-festa ta' Santa Liena u f'din is-sena żżanżnu sett ta' sitt fjuretti għall-altar maġġur u velumeral tal-*canavazzo d'oro*.[13] Iżda billi f'dik is-sena l-Prepositura kienet għadha vakanti, il-funzjonijiet tmexxew minn xi membru ieħor tal-Kapitlu. Lejlet il-festa saret it-Transulazzjoni tar-Relikwija segwita mill-Primi Vespri li saru bil-mużika tas-Surmast Filippu Bugeja. Wara tkantat il-Kumpieta u ngħatat il-Barka Sagramentali.

L-għada, 18 t'Awwissu filgħodu, wara l-kant tal-Matutin, qrib it-8.00am, ħarġet il-purċissjoni numeruża li daħlet lura fil-knisja qrib l-9.45am. Ġiet iċċelebrata l-Quddiesa Solenni tal-festa li fiha sar il-paniġierku bit-Taljan mill-Kanonku tal-Katidral Dun Ġorġ Caruana. Wara nofs inhar sar paniġierku ieħor bil-Malti, mill-Kanonku Luigi Caruana tal-Kolleġġjata ta' Bormla. Wara tkantaw il-Vespri u l-Kumpieta u mbagħad saret ir-Reposizzjoni tar-Relikwija u ngħatat il-Barka Sagramentali.[14]

## It-Tieni Konkors

Fis-26 ta' Settembru 1866 sar konkors ieħor għall-Prepositura ta' Birkirkara. Il-konkorrenti kienu ħamsa u minn fosthom ingħażel il-Kan. Dun Salvatore Spiteri, Primiċerju tal-Kolleġġjata tal-Isla.[15] Il-Primiċerju Spiteri kien twieled fit-30 ta' Marzu 1822[16] u ġie ordnat saċerdot fl-1846.[17] Fl-1852 ġie nnominat Kanonku Primiċerju tal-Kolleġġjata tal-Isla. Huwa ħa l-pussess ta' Prepostu Arċipriet ta' Birkirkara fit-13 ta' Marzu 1867 minn idejn il-Vigarju Ġenerali, il-Kanonku Vincenzo Galea.[18]

---

[8] *L'Ordine* 27-IV-1866. 4-V-1866.

[9] A.P.B. Liber Baptizmatorum XI (1818-1860). Ara taħt 31-VII-1838.

[10] A(rkivju) K(atidral) M(alta) C.E.M. R.U. 17 (1857-1874) / f. 24v.

[11] A. Ferres, *Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo,* 1866, 700.

[12] A.P.B. Liber Baptizmatorum XIV, Frar 1860 - Mejju1869.

[13] *L'Ordine* 21-IX-1866.

[14] Ibid.

[15] Ibid., 28-IX-1866.

[16] A(rkivju) P(arrokkjali) S(englea) Reġistru tal-Magħmudijiet Nru. VIII, 104.

[17] A.K.A. Ordinationes Sant, f. 61 r.

[18] A.P.B. Liber Baptizmatorum XIV, Frar 1860 - Mejju1869.